**Fuljett ta' tagħrif: Informazzjoni għall-pazjent**

**Coagadex 250 IU trab u solvent għas-soluzzjoni għall-injezzjoni**
**Coagadex 500 IU trab u solvent għas soluzzjoni għall-injezzjoni**

fattur X tal-koagulazzjoni umana

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina peress li fih informazzjoni importanti għalik.**
- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa' taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib tiegħek.
- Din il-mediċina ġiet mogħtija lilek biss. M'għandekx tgħaddiha lil persuni oħra. Tista' tagħmlilhom il-ħsara, anki jekk ikollhom l-istess sinjali ta' mard bħal tiegħek.
- Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar, jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju possibbli li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Ara sezzjoni 4.

**F'dan il-fuljett:**

1. X'inhu Coagadex u għalxiex jintuża
2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Coagadex
3. Kif għandek tuża Coagadex
4. Effetti sekondarji possibbli
5. Kif taħżen Coagadex
6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra


## 1. X'inhu Coagadex u għalxiex jintuża

Coagadex hu konċentrat ta' fattur X tal-koagulazzjoni umana, proteina bżonnjuża għad-demm sabiex jagħqad. Il-fattur X f'Coagadex huwa estratt mill-plażma umana (il-parti likwida tad-demm). Dan jintuża sabiex jikkura u jipprevjeni l-fsada f'pazjenti b'defiċjenza ereditarja ta' fattur X inkluż waqt operazzjoni.

Il-pazjenti b'defiċjenza tal-fattur X ma għandhomx biżżejjed tal-fattur X sabiex id-demm tagħhom jagħqad sewwa, li jwassal għal fsada eċċessiva. Coagadex jissostitwixxi l-fattur X nieqes u jippermetti d-demm tagħhom sabiex jagħqad b'mod normali.

## 2. X'għandek tkun taf qabel ma tuża Coagadex

**Tużax Coagadex:**
- jekk inti allerġiku għal fattur X tal-koagulazzjoni umana jew għal xi sustanza oħra ta' din il-mediċina (elenkati fis-sezzjoni 6).

Iċċekkja mat-tabib tiegħek jekk taħseb li dan japplika għalik.

**Twissijiet u prekawzjonijiet**

Kellem lit-tabib, l-ispiżjar jew l-infermier tiegħek qabel tuża Coagadex:

- jekk inti għandek fsada akbar jew itwal mis-soltu u l-fsada ma tiqafx wara injezzjoni ta' Coagadex.
- jekk qed tieħu mediċina li tipprevjeni d-demm milli jaqgħad billi timblokka l-fattur Xa li jagħqad id-demm. Dawn il-mediċini jistgħu jipprevjenu lil Coagadex milli jaħdem.

Xi pazjenti b'nuqqas ta' fattur X jistgħu jiżviluppaw inibituri (antikorpi) għall-fattur X waqt il-kura. Dan jista' jfisser li l-kura mhux ser taħdem tajjeb. It-tabib tiegħek ser jiċċekkja regolarment għall-

iżvilupp ta' dawn l-antikorpi, u speċjalment qabel operazzjoni. Kemm qabel kif ukoll wara l-kura b'din il-mediċina, b'mod partikolari għall-ewwel kors ta' kura tiegħek, it-tabib tiegħek probabbilment se jwettaq testijiet sabiex jiċċekkja l-livell tal-fattur X fid-demm tiegħek.

**Sigurtà mill-virus**
Meta l-mediċini jkunu magħmulin minn demm jew plażma umana, jittieħdu ċerti miżuri għall-prevenzjoni li jgħaddu infezzjonijiet lil min jirċevihom. Dawn jinkludu:

– l-għażla bir-reqqa ta' donaturi tad-demm u tal-plażma, biex ikun żgurat li dawk li qegħdin f'riskju li jkollhom infezzjonijiet jiġu esklużi,
– l-ittestjar ta' plażma mogħti bħala donazzjoni għal sinjali ta' virus/infezzjonijiet,
– l-inklużjoni ta' passi fl-ipproċessar tad-demm jew tal-plażma, li jistgħu jiddiżattivaw jew ineħħu l-viruses.

Il-miżuri li jittieħdu huma kkunsidrati li huma effettivi għall-virusijiet li ġejjin: virus tal-immunodefiċjenza umana (HIV), il-virus tal-epatite B, il-virus tal-epatite Ċ, il-virus tal-epatite A, u l-parvovirus B19. Minkejja dawn il-miżuri, meta jingħataw mediċini ppreparati minn demm jew plażma umana, il-possibbiltà li tgħaddi xi infezzjoni ma tistax tiġi eskluża għal kollox. Dan japplika wkoll għal kwalunkwe viruses mhux magħrufa jew ġodda, jew tipi oħrajn ta' infezzjonijiet.

Hu rrakkomandat bil-qawwa li kull darba li tirċievi doża ta' Coagadex, l-isem u n-numru tal-lott tal-prodott jiġu rreġistrati, sabiex jinżamm rekord tal-lottijiet li jintużaw.

It-tabib tiegħek jista' jirrakkomanda li tikkunsidra li jkollok tilqima kontra l-epatite A u B jekk regolarment jew b'mod ripetut tirċievi prodotti ta' fattur X miksuba minn plażma umana.

**Tfal u adolexxenti**
It-twissijiet u prekawzjonijiet elenkati għall-adulti japplikaw ukoll għat-tfal (2 sa 11-il sena) u adolexxenti (b'età minn 12 sa 18-il sena).

**Mediċini oħra u Coagadex**
Għid lit-tabib jekk qiegħed tieħu, ħadt dan l-aħħar jew tista' tieħu xi mediċina oħra.

**Tqala, treddigħ u fertilità**
Jekk inti tqila jew qed tredda', taħseb li tista tkun tqila jew qed tippjana li jkollok tarbija, itlob il-parir tat-tabib jew tal-ispiżjar tiegħek qabel tieħu din il-mediċina.

**Sewqan u tħaddim ta' magni**
M'hemm l-ebda effetti magħrufa ta' din il-mediċina fuq il-ħila biex issuq jew tħaddem magni.

**Coagadex fih is-sodium**
Din il-mediċina fiha sa 9.2 mg sodium (il-komponent prinċipali tal-melħ tat-tisjir/li jintuża mal-ikel) f'kull millilitru tas-soluzzjoni. Dan huwa ekwivalenti għal 0.0046% tal-ammont massimu rakkomandat ta' sodium li għandu jittieħed kuljum mad-dieta minn adult.

## 3. Kif għandek tuża Coagadex

Il-kura tiegħek għandha tinbeda minn tabib li għandu esperjenza fil-kura ta' disturbi ta' fsada.

Dejjem għandek tuża din il-mediċina skont il-parir eżatt tat-tabib jew tal-ispiżjar tiegħek. Dejjem għandek taċċerta ruħek mat-tabib jew l-ispiżjar tiegħek jekk ikollok xi dubju.

Coagadex għandu jiġi injettat direttament ġo vina. Qabel ma tinjetta din il-mediċina d-dar, inti suppost li tkun irċivejt taħriġ mill-professjonista tal-kura tas-saħħa tiegħek dwar kif tinjetta.

It-tabib tiegħek se jispjegalek kemm mediċina għandek tuża, meta għandek tużaha u għal kemm żmien. It-tabib tiegħek normalment se jgħidlek id-doża tiegħek f'termini tan-numru ta' kunjetti sħaħ li jfornu d-doża l-aktar adattata għalik.

**L-użu fl-adulti**

**Kemm jingħata Coagadex għall-kura ta' fsada jew għall-prevenzjoni ta' fsada addizzjonali?**
It-tabib tiegħek se jgħidlek kemm għandek tagħti Coagadex biex tikkura fsada u biex tipprevjeni aktar fsada; id-doża meħtieġa se tiddependi fuq il-livell normali tiegħek fid-demm ta' fattur X.

**Kemm tingħata mediċina qabel, waqt u wara operazjoni maġġuri?**
**Qabel:** Id-doża użata ta' Coagadex għandha tkun biżżejjed biex iżżid il-livell ta' fattur X fid-demm tiegħek għal bejn 70 u 90 unità/dL. Id-doża li għandek bżonn se tkun tiddependi fuq il-livell normali fid-demm tiegħek ta' fattur X, u dan se jiġi kkalkulat mit-tabib tiegħek.

**Wara:** Matul l-ewwel ftit jiem wara l-operazzjoni, il-konċentrazzjoni ta' fattur X fil-plażma tiegħek se jiġi ċċekkjat regolarment. Hu rakkomandat li l-livell ta' fattur X fid-demm tiegħek jinżamm aktar minn 50 unità/dL. Id-doża li għandek bżonn se tiġi kkalkulata mit-tabib tiegħek.

Jekk il-konċentrazzjoni ta' fattur X fid-demm tiegħek tkun baxxa wisq (din se tiġi ttestjata mit-tabib tiegħek), jew jekk tonqos aktar malajr milli mistenni, jista' jkun hemm inibitur ta' fattur X preżenti li jwaqqaf lil din il-mediċina milli taħdem kif suppost. It-tabib tiegħek se jirranġa għat-testijiet adattati tal-laboratorju biex tara jekk dan hux il-każ.

**Kemm jingħata regolarment għall-prevenzjoni fit-tul tal-fsada?**
It-tabib tiegħek ser jagħtik parir jekk dan l-użu huwiex adattat għalik u, jekk iva, dwar id-doża xierqa.

**L-użu fi tfal u fl-adolexxenti**
It-tabib tiegħek se jirrakomanda doża adattata għalik jew għat-tifel/tifla tiegħek.Id-dożi għal tfal ta' inqas minn 12-il sena ġeneralment huma ikbar minn dawk użati fl-adolexxenti u l-adulti. Id-dożi għall-adolexxenti jkunu simili għal dawk għall-adulti.

**Meta tinjetta Coagadex**
- Il-mediċina għandha tiġi injettata meta jseħħ l-ewwel sinjal ta' fsada.
- L-injezzjoni għandha tiġi ripetuta skont il-bżonn biex twaqqaf il-fsada.
- Kull fsada individwali għandha tiġi ġġudikata fuq severità tagħha.
- Jekk qed tuża din il-mediċina għall-ewwel darba, it-tabib tiegħek se jissorveljak.

**Kif tħoll il-mediċini tiegħek qabel l-użu**
Il-mediċina tiegħek trid tinħall **biss** fl-ilma sterilizzat ipprovdut mal-prodott.

| Kwantità ta' Coagadex | Volum ta' solvent |
|---|---|
| 250 IU | 2.5 mL |
| 500 IU | 5 mL |

Coagadex jiġi fornut bl-ammont ta' solvent kif muri fit-tabella.

Tista' tħoll din il-mediċina billi tuża t-tagħmir tat-trasferiment tal-Mix2Vial mingħajr labra, li jkun inkluż f'kull pakkett.
Ħalli l-kontenituri ta' Coagadex jitilgħu għat-temperatura tal-kamra qabel ma tħallathom. Agħmel il-mediċina kif ġej:



**Pass 1**
- Neħħi l-għatu mill-kunjett tat-trab u naddaf il-parti ta' fuq tat-tapp bi swab bl-alkoħol.
- Irrepeti dan il-pass bil-kunjett tas-solvent.
- Qaxxar lura l-parti ta' fuq tal-pakkett tat-tagħmir tat-trasferiment, iżda ħalli t-tagħmir fil-pakkett.



**Pass 2**
- Poġġi t-tarf blu tat-tagħmir tat-trasferiment fuq il-kunjett bis-solvent u mbotta dritt 'l isfel sakemm il-ponta tippenetra t-tapp tal-gomma u tikklikkja f'postha.
- Neħħi l-pakkett ta' barra tal-plastik mit-tagħmir tat-trasferiment u armih, u oqgħod attent li ma tmissx it-tarf espost tat-tagħmir.



**Pass 3**
- Dawwar il-kunjett bis-solvent rasu 'l isfel, bit-tagħmir li jkun għadu mwaħħal.
- Poġġi t-tarf trasparenti tat-tagħmir tat-trasferiment fuq il-kunjett bit-trab u mbotta dritt 'l isfel sakemm il-ponta tippenetra t-tapp tal-gomma u tikklikkja f'postha.



**Pass 4**
- Is-solvent se jinġibed fil-kunjett bit-trab mill-vacuum li jkun fih.
- Ħawwad il-kunjett bil-mod biex tiżgura li t-trab ikun tħallat tajjeb. Iċċaqlaqx il-kunjett bis-saħħa.
- Għandha tinkiseb soluzzjoni bla kulur, ċara jew xi ftit mil-lewn il-perli, normalment f'madwar minuta (massimu ta' 5 minuti).



**Pass 5**
- Issepara l-kunjett vojt tas-solvent u l-parti l-blu tat-tagħmir tat-trasferiment mill-parti trasparenti billi tħollha billi ddawwar lejn ix-xellug.
- Aqbad siringa vojta (mhux ipprovduta fil-pakkett ta' Coagadex) u iġbed l-arja ġo fiha billi tiġbed il-planġer sakemm tikseb l-istess volum meħtieġ tal-ilma miżjud f'pass 4.
- Ikkonnettja s-siringa mal-parti trasparenti tat-tagħmir tat-trasferiment umbotta l-arja fis-siringa għal ġol-kunjett.



**Pass 6**
- Immedjatament aqleb il-kunjett tas-soluzzjoni ta' taħt fuq, li se tinġibed ġos-siringa.
- Skonnettja s-siringa mimlija minn mat-tagħmir.
- Il-prodott issa jkun lest għall-użu. Segwi l-prattiki normali tas-sigurtà għall-għoti. Aċċerta ruħek li tuża l-prodott fi żmien siegħa wara li jkun sar.

Tużax din il-mediċina:

- jekk is-solvent ma jinġibidx għal ġol-kunjett (dan jindika telf ta' vacuum fil-kunjett, u għalhekk it-trab ma jridx jintuża).
- jekk it-trab maħlul u s-solvent jiffurmaw ġell jew embolu (jekk dan jiġri, jekk jogħġbok għid lill-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek, billi tirrapporta n-numru tal-lott stampat fuq il-kunjett).

**Jekk tuża Coagadex aktar milli suppost**
Jekk inti tuża aktar minn din il-mediċina milli qallek it-tabib, hemm il-possibilità li d-demm jagħqad. Jekk taħseb li tista' tkun qed tuża żżejjed, waqqaf il-injezzjoni u għid lit-tabib, spiżjar jew infermier. Jekk taf li tkun użajt iżżejjed, għid lit-tabib, l-ispiżjar jew l-infermier tiegħek kemm jista' jkun malajr.

**Jekk tinsa tuża Coagadex**
M'għandekx tieħu doża doppja biex tpatti għal kull doża li tkun insejt tieħu. Injetta d-doża normali tiegħek hekk kif tiftakar u mbagħad kompli d-dożaġġ skont kif jgħidlek it-tabib tiegħek.

**Jekk tieqaf tuża Coagadex**
Dejjem ikkonsulta lit-tabib tiegħek qabel ma tiddeċiedi li twaqqaf il-kura tiegħek.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' din il-mediċina, staqsi lit-tabib tiegħek.

## 4. Effetti sekondarji possibbli

Bħal kull mediċina oħra, din il-mediċina tista' tikkawża effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux f'kulħadd.

Reazzjonijiet allerġiċi (sensittività eċċessiva) rari seħħew fil-kura ta' disturbi ta' fsada b'mediċini simili (jaffettwaw sa persuna 1 minn kull 1,000), u xi kultant javvanzaw għal xokk. Sinjali ta' dawn jistgħu jinkludu raxx tal-ġilda (inkluż ħorriqija), tingiż, fwawar, dardir, rimettar, uġigħ ta' ras, sogħla, tħarħir, tagħfis fis-sider, tertir, rata tal-qalb mgħaġġla, sturdament, telqa, irrikwitezza, nefħa fil-wiċċ, tagħfis fil-gerżuma, uġigħ fil-post tal-injezzjoni.
Jekk ikollok kwalunkwe wieħed minn dawn, ikkuntattja lit-tabib tiegħek.

L-effetti sekondarji li ġejjin ġew irrapportati b'Coagadex.

**Komuni (jistgħu jaffetwaw sa persuna 1 minn kull 10):**

- uġigħ jew ħmura fil-post tal-injezzjoni
- għejja
- uġigħ fid-dahar

**Effetti sekondarji fit-tfal u l-adolexxenti**
L-effetti sekondarji fit-tfal huma mistennija li jkunu l-istess bħall-adulti.

**Rappurtar tal-effetti sekondarji**
Jekk ikollok xi effett sekondarju kellem lit-tabib, lill-ispiżjar, jew l-infermier tiegħek. Dan jinkludi xi effett sekondarju li mhuwiex elenkat f'dan il-fuljett. Tista' wkoll tirrapporta effetti sekondarji direttament permezz ADR Reporting Website: www.medicinesauthority.gov.mt/adrportal.

Billi tirrapporta l-effetti sekondarji tista' tgħin biex tiġi pprovduta aktar informazzjoni dwar is-sigurtà ta' din il-mediċina.

## 5. Kif taħżen Coagadex

Żomm din il-mediċina fejn ma tidhirx u ma tintlaħaqx mit-tfal.

Tużax din il-mediċina wara d-data ta’ meta tiskadi li tidher fuq il-kontenituri wara “JIS”. Id-data ta’ skadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta’ dak ix-xahar.

Taħżinx f’temperatura ’l fuq minn 30°C.

Tagħmlux fil-friża.

Żomm il-kontenitur fil-kartuna ta’ barra sabiex tilqa’ mid-dawl.

Tużax din il-mediċina jekk tinnota frak żgħir fil-prodott maħlul. Ġaladarba jsir, Coagadex għandu jintuża fi żmien siegħa.

Tarmix mediċini mal-ilma tad-dranaġġ jew mal-iskart domestiku. Iċ-ċentru tal-kura tiegħek se jipprovdi kontenitur speċjali biex fih tarmi kwalunkwe soluzzjoni li tibqa’, kwalunkwe siringi, labar u kontenituri vojta użati. Dawn il-miżuri jgħinu għall-protezzjoni tal-ambjent.

## 6. Kontenut tal-pakkett u informazzjoni oħra

**X’fih Coagadex**

- Is-sustanza attiva hi fattur X tal-koagulazzjoni umana. Kunjett wieħed fih nominalment 250 IU jew 500 IU tal-fattur X tal-koagulazzjoni umana.
- Is-sustanzi l-oħra huma: citric acid, disodium phosphate dihydrate, sodium chloride, sodium hydroxide u sucrose (ara sezzjoni 2 għal aktar informazzjoni dwar l-ingredjenti).
- Solvent: ilma għall-injezzjonijiet.

**Kif jidher Coagadex u l-kontenut tal-pakkett**

Coagadex hu trab abjad jew abjad jagħti fil-griż, u hu ppakkjat fi kwantitajiet ta’ 250 IU u 500 IU. Wara li ssir, is-soluzzjoni hija bla kulur, ċara jew xi ftit lewn il-perli (opalexxenti). Qabel l-injezzjoni, ħares lejn is-soluzzjoni. Jekk is-soluzzjoni tkun imtappna jew għandha xi trab, tużahiex.

Tagħmir tat-trasferiment imsejjaħ Mix2Vial jiġi pprovdut ukoll.

Kontenut tal-pakkett ta’ 250 IU
1 kunjett ta’ 250 IU ta’ trab
1 kunjett ta’ 2.5 mL ta’ ilma għall-injezzjonijiet
1 tagħmir ta’ Trasferiment (Mix2Vial)

Kontenut tal-pakkett ta’ 500 IU
1 kunjett ta’ 500 IU ta’ trab
1 kunjett ta’ 5 mL ta’ ilma għall-injezzjonijiet
1 Tagħmir ta’ Trasferiment (Mix2Vial)

Jista’ jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu fis-suq.

**Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Dornhofstraße 34, 63263 Neu-Isenburg
Il-Ġermanja

**Manifattur**
PharmaKorell GmbH, Georges-Köhler-Str. 2, 79539 Lörrach, Il-Ġermanja

Għal kull tagħrif dwar din il-mediċina, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq:

**België/Belgique/Belgien**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tél/Tel: + 44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Royaume-Uni/Verenigd Koninkrijk/Großbritannien)

**България**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Тел.: + 44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Обединено кралство)

**Česká republika**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Velká Británie)

**Danmark**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tfl: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Storbritannien)

**Deutschland**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +49 (0) 2408 146 0245
e-mail: bpl@medwiss-extern.de
Deutschland

**Eesti**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Ühendkuningriik)

**Ελλάδα**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Τηλ: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Ηνωμένο Βασίλειο)

**España**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Reino Unido)

**France**
Laboratoire Cevidra
Tel: +33 493705831
e-mail: contact@cevidra.com
France

**Lietuva**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Jungtinė Karalystė)

**Luxembourg/Luxemburg**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tél/Tel: + 44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Royaume-Uni/Verenigd Koninkrijk/Großbritannien)

**Magyarország**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Egyesült Királyság)

**Malta**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Ir Renju Unit)

**Nederland**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Verenigd Koninkrijk)

**Norge**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tlf: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Storbritannia)

**Österreich**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Großbritannien)

**Polska**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Wielka Brytania)

**Portugal**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Reino Unido)

**Hrvatska**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Ujedinjeno Kraljevstvo)

**Ireland**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(United Kingdom)

**Ísland**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Sími: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Bretland)

**Italia**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Regno Unito)

**Κύπρος**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Τηλ: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Ηνωμένο Βασίλειο)

**Latvija**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Lielbritānija)

**România**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Marea Britanie)

**Slovenija**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Združeno kraljestvo)

**Slovenská republika**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Spojené kráľovstvo)

**Suomi/Finland**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Puh/Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Iso-Britannia)

**Sverige**
BPL Bioproducts Laboratory GmbH
Tel: +44 (0) 20 8957 2255
e-mail: medinfo@bpl.co.uk
(Storbritannien)

**Dan il-fuljett kien rivedut l-aħħar f' 03/2025.**

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini: http://www.ema.europa.eu